## 8 ta' Ottubru, 1992

## Imħallef: –

## Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.

Raymond Micallef għan-nom in rappresentanza tas-Soċjetà *Mediterranean Survey Bureau Limited* u dina bħala *Recovery Agent* ta' l-*Underwriters* li għalihom aġixxiet f'Malta s-Soċjetà *Mediterranean Insurance Brokers Ltd*

*versus*

John Parnis England għan-nom u in rappresentanza tas-Soċjetà W J Parnis England *Limited* u dina in rappresentanza tas-Soċjetà *Niver Lines* proprjetà tal-vapur *Papi* u in rappresentanza ta' l-istess u b'nota tat-23 ta' Diċembru 1983 Frederick Frendo assuma l-atti fil-kawża fl-ismijiet premessi fil-kwalità tiegħu ta' rappresentanza ta' *W J Parnis England Ltd* u *Godwin Abela u William Scicluna* għan-nom u in rappresentanza ta' *The Cargo Handling Company Ltd*

### Partikolaritajiet dwar Identità ta' Parti – *Underwriters* – Surroga – Relazzjoni Ġuridika – Nuqqas ta' Relazzjoni Ġuridika

*Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet eċċezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-konvenut ma kellux relazzjoni ġuridika ma' l-attur. Dan għalkemm l-underwriter ssemma fl-okkju tal-kawża, iżda l-partikolaritajiet li tesiġi l-liġi għall-identità speċifika tagħhom ma humiex mogħtija kif lanqas ma hemm riferenza li dawn qegħdin jaġixxu fil-kwalità tagħhom ta' surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurati tagħhom.*

*Dawn in-nuqqasijiet huma gravi u dan id-difett ma jistax jiġi korrett u rrimedjat mill-Qorti.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi d-direttur tal-kummerċ importa ġewwa Malta tlett elef *cartons* ta' *corned beef* fuq il-vapur *Popi* li wasal f'Malta fil-5 ta' Diċembru 1982 u dana kif jirriżulta mill-anness Dokument immarkat Dok. A;

U billi meta l-merkanzija ġiet skarikata r-riċevitur sab li kien hemm *short delivery* u diversi nuqqasijiet u ħsarat fl-istess merkanzija kif jirriżulta dettaljatament mill-anness Dok. B;

U billi bħala kumpens għal dan in-nuqqas kollu s-soċjetà assikuratriċi *Mediterranean Insurance Brokers Limited* kif kienet obbligata ħallset għan-nom ta' l-*Underwriters* lill-istess direttur tal-kummerċ is-somma ta' tmien mija u sittax-il lira Maltija u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm816.21) kif jirriżulta mid-Dokument Ċ hawn anness;

U billi s-soċjetà assikuratriċi *Mediterranean Insurance Brokers Limited* iddellegaw lis-soċjetà attriċi bħala *recovery agents* tagħha;

U billi l-konvenuti *nomine* jew min minnhom huma responsabbli għan-nuqqasijiet fuq indikati l-istess attur *nomine* talab li din il-Qorti għar-raġunijiet premessi tiddikjara l-istess konvenuti *nomine* responsabbli għan-nuqqasijiet u d-danni kollha fuq indikati u;

2. Tikkundannhom iħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' tmien mija u sittax-il lira Maltija u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm816.21) u bl-interessi ta' sitta fil-mija (6%) mid-data tal-

pagament u dannu in rifużjoni tal-pagament magħmul kif fuq spjegat;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti rispettivament a fol. 13 u 10 tal-proċess;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* li biha eċċepixxa;

1. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġa sollevati t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti *nomine* ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika kwalunkwe ma' l-attur;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà konvenuta W J Parnis England *Limited nomine* li biha eċċepixxiet;

Illi ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur *nomine* u l-konvenuti *nomine* u għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Illi l-qrati tagħha kellhom okkażjoni li jeżaminaw u jiddeċidu l-kwistjoni sollevata f'dan in-noti ta' eċċezzjonijiet ulterjuri dan l-aħħar f'diversi kawżi. Din il-Qorti stess kif presjeduta tat diversi sentenzi fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 1990 fuq din il-kwistjoni. Partikolarment simili għall-każ odjern kien il-każ deċiż dak inhar

fil-kawża fl-ismijiet Ray Micallef *nomine vs* Mark Anastasi *et nomine* Ċitaz Nru. 1514/83, tista' ssir riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif presjeduta fl-14 ta' Ottubru 1991, fil-kawża fl-ismijiet Avukat Dottor Gino Camilleri *nomine vs* Albert Mizzi *et nomine et,* kif ukoll għas-sentenza l-oħra fiha ċitata;

Minħabba dawn il-pronunzjamenti riċenti din il-Qorti ma tħossx il-ħtieġa li tirrepeti l-argumenti u l-osservazzjonijiet li wasluha biex tilqa' l-eċċezzjonijiet bħal dawn u għal dan il-fini qiegħda ssir espressa riferenza għall-sentenzi fuq ċitati;

Biżżejjed jingħad li l-veru atturi f'din il-kawża hemm l-*Underwriters* li ħallsu l-assikurat tagħhom, ċjoè d-direttur tal-kummerċ għan-nuqqasijiet u ħsarat riskontrati fil-merkanzija li waslet f'Malta fil-5 ta' Diċembru 1982 fuq il-vapur *Popi*. Infatti l-irċevuti u s-surroga kontenuta fid-Dokument A fol. 9 tal-proċess saret a favur l-*Underwriters Concerned;*

Issa dawn l-*Underwriters* jissemmew fl-okkju tal-kawża iżda l-partikolaritajiet li tesiġi l-liġi għall-identita speċifika tagħhom ma humiex mogħtija kif lanqas ma hemm riferenza li dawn qegħdin jaġixxu fil-kwalità tagħhom ta' surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħhom;

Illi dawn in-nuqqasijiet huma ta' natura gravi u dan id-difett ma jistax jiġi korret u rimedjat mill-Qorti u dan fuq l-iskorta ta' l-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 1989 *in re* Mirabelli *noe vs* Parnis England *nomine;*

Konsegwentement hemm lok li l-eċċezzjonijiet ulterjuri u

sollevati mill-konvenuti f'din il-kawża jkunu milqugħa;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' l-imsemmija eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut *nomine* li bejnhom u bejn l-attur ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika u għalhekk tillibera l-istess konvenuti *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine*.